Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Raymond Flattley u Rose Flattley

Illum 24 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati fuq imsemmi Raymond Flattley, iben James u Giorgia nee' Grech, imwieled Floriana fis-16 ta' Novembru, 1953 u detentur tal-karta tal-identita Nru 831053M u Rose Flattley, mart Raymond, bint George Grima u Carmela nee' Bezzina, imwielda Valletta fl-24 ta' Ottubru, 1956 u detentrici tal-karta tal-identita Nru 728656M li permezz taghhom gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Ottubru, 1999 u fix-xhur ta' qabel dawn id-dati fil-Qawra u fi bnadi ohra

f’dawn il-Gzejjer uzaw u kellhom fil-pussess taghhom gewwa jew barra minn kazino (Oracle Casino) cippi li kienu jafu li huma cippi foloz u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 43 (1) (a) (2) ta’ l-Att Nru. X ta’ l-1998 dwar il-Loghob;

U aktar talli fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi ffalsifikaw cippi jew tokens ohra li jintuzaw f’kazino li ghandu licenza taht dan l-Att, jew licenza uzata ghall-ghanijiet ta’ dan l-Att jew xjentement mexxew cippi foloz u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 44 (1) (a) (b) (2) ta’ l-Att Nru. X ta’ l-1998 dwar il-loghob;

U aktar talli fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, mhux imsemmija l-Artikoli ta’ qabel dan it-Titolu, bi ksur ta’ l-Artikou 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9;

L-imputat Raymond Flattley wahdu gie akkuzat aktar talli sar ricediv ai termini ta l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, fejn kien gie misjub hati u kkundannat ghar-reat b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 12 ta’ Marzu, 1979, liema sentenza saret definittiva;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Settembru, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet fil-konfront ta' Raymond Flattley biss :

(a) Fl-Artikoli 43(1)(a)(2) u 44(1)(a)(b)(2) tal-Att X tal-1998;

(b) Fl-Artikoli 188, 189, 17(b)(h), 49, 50, 31, 20, 22, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta' Rose Flattley biss :

(a) Fl-Artikoli 43(1)(a)(2) u 44(1)(a)(b)(2) tal-Att X tal-1998;

Semghet liz-zewgt imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat Raymond Flattley debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-27 ta' Dicembru, 2001;

Rat illi Rose Flattley ma irregistratx ammissjoni f'dan il-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat Raymond Flattley irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlief ghall-akkuza tar-recidiva.  Illi l-Avukat difensur tieghu qajjem il-kwistjoni tal-Artikolu 42 fis-sens illi l-Avukat Generali meta ta l-permess skond l-Artikolu 48 tal-Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta ma semmiex ukoll l-Artikolu 42 illi proprju jikkontempla l-piena.

Illi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 42, tara illi l-Avukat Generali ma kellux ghalfejn isemmi dan l-Artikolu u tara wkoll illi l-Avukat Generali ma kellu l-ebda intenzjoni illi japplika t-tieni provizo illi hemm mal-Artikolu 42 sub artikolu 1 u dana peress illi l-Avukat Generali ma iccertifikax illi r-reati in kwistjoni kienu addegwatament puniti b'multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira, u ghalhekk huwa car illi l-piena applikabbli hija dik kontemplata fl-Artikolu 42 sub artikolu 1 tal-Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dak illi jirrigwarda r-raba' imputazzjoni l-Qorti tara illi fil-fatt gie ippruvat illi Raymond Flattley huwa recidiv skond

l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u dana peress illi gie ippruvat illi Raymond Flattley ghamel ir-reat in kwistjoni wara li kien gie ikkundannat ghar-reat iehor b'sentenza li saret definittiva.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat l-istess imputat huwa hati tal-ewwel u tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Settembru, 2001, kif ukoll l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dak illi jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u cioe' dik illi l-imputat ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tara illi una volta gew ippruvati l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kontra l-imputat Raymond Flattley ma jirrizultax ukoll dan it-tielet reat u dana peress illi r-reati kommessi mill-imputat Raymond Flattley huma dawk ikkontemplati fil-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta.  Ghaldaqstant l-imputat qieghed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-imputata Rose Flattley l-Avukat difensur issottometta illi din ghandha tigi mehlusa mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u dana peress illi ghamlet dak illi ghamlet peress illi kienet qeghda taggixxi skond l-ordnijiet u l-istruzzjonijiet illi taha zewgha l-imputat Raymond Flattley.

Illi l-Qorti tiddikjara bir-rispett kollu illi assolutament ma taqbilx ma din is-sottomissjoni tad-difiza, liema sottomissjoni mhi ikkontemplata fl-ebda artikolu tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-istqarrija illi irrilaxxjat l-imputata Rose Flattley lill-pulizija illi hija ammettiet illi fl-10 ta' Ottubru, 1999 ghall-habta tal-10.00p.m. kienet marret l-Oracle Casino flimkien ma zewgha u bdew jilghabu. Hija u zewgha laghbu separatament fuq zewg imwejjed tar-roulette, hija bdiet tilghab u f'hin minnhom rebhet is-somma ta' erba' mitt lira (LM400). Ghalhekk daret fuq zewgha l-imputat Raymond Flattley u taghtu zewg cippep tal-mitt lira li kienet rebhet. Li kien fadlilha kompliet tilghab bihom u dawn regghu spiccaw u ghalhekk regghet marret fuq zewgha u talbitu cippa tal-mitt lira biex tkompli tilghab. Hija

kompliet tilghab il-Casino.  F'hin minnhom gie zewgha hdejha u kwazi fl-ahhar zewgha qalilha biex tmur issarraf ic-cippep li kellu fil-but, u ghalhekk l-imputata irriferiet ghac-cipep foloz illi kellha (fol. 23).  Dan juri bic-car illi l-imputata Rose Flattley, kuntrarjament ghal dak illi qal l-Avukat difensur, kienet taf illi l-cippep li kellha fuqha kienu foloz u dan kienet tafu meta marret biex issarrafhom. Effettivament, l-imputata kompliet tghid fl-istqarrija taghha, "hu qalli biex immur insarrafhom forsi ma jindunawx li kienu foloz u jien mort biex insarrafhom.  Pero' dawn il-foloz ingharfu minn dawk li kienu qed isarfu".  F'hin minnhom tkompli tghid l-imputata zewgha gie hdejha u staqsiha x'kien gara u hi qaltlu bil-mod, "ma tafx".  L-imputata kompliet tghid fl-istqarrija taghha illi f'hin minnhom gie s-Security Manager tal-Casino ikellem lil zewgha u f'dak il-hin hija marret it-toilet ghaliex, "Ftakart li fuqi kelli c-cippep foloz.  Ma nafx kemm kelli pero' dawn gezwirtom f'tissue u armejthom fid-dusbin" (a fol. 24 tal-process).  L-imputata tkompli tghid fl-istqarrija taghha illi gurnata qabel l-incident in kwistjoni zewgha kien talabha ghaxar liri biex ikun jista jixtri ghaxar cippep tal-lira il-wahda u dan biex jiffalsifikahom.  Hija tkompli tghid hekk, "Irrid nghid li l-karti tad-disinni jien rajthom qabel id-dar pero' wahdu ghamilhom".  Mistoqsija jekk meta marret issarraf ic-cippep kienitx taf li maghhom kellha l-foloz l-imputata wiegbet,

“Iva”.  Hija qalet ukoll, “Jiena ma nafx jien stess kif mort insarrafhom, imma bhalissa ahna ninsabu f’qaghda finanzjarja xejn sabiha minhabba l-istess loghob”.  (fol. 24 tal-process).

Ghalhekk jirrizulta car illi l-imputata hija hatja kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u dana peress illi hija kellha fil-pussess taghha fil-Casino cippep li kienet taf li kienu foloz u dan bi ksur tal-Artikolu 43 tal-Kap. 400 u kif ukoll minkejja li ma kienitx hi stess li iffalsifikat dawn ic-cippep l-imputata mexxiet xjentement dawn ic-cippep foloz fl-Oracle Casino u b’hekk hija hatja wkoll tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 44 tal-Kap. 400.

Illi ghal dak illi jirrigwarda t-tielet akkuza ikkomtemplata fl-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali l-imputata sejra tigi liberata minn din it-tielet imputazzjonijiet peress illi hija instabet hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; liema reati huma proprju kontemplati fil-Kapitolu 400 l-Att dwar il-Loghob.

Illi b’ripetizzjoni l-Qorti ittenni li l-Avukat Generali ma kellux ghalfejn isemmi l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 400 u l-fatt illi ma iccitax it-tieni provizo tas-sub artikolu 1 tal-Artikolu 42 tal-

Kap. 400 iffisser illi l-Avukat Generali ma riedx illi tapplika dik il-multa inqas severa, imma ried proprju illi jekk jinstabu hatja l-imputati ikunu ikkundannati jhallsu l-multa l-aktar severa.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-imputat Raymond Flattley huwa hati tal-ewwel, it-tieni u tar-raba imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef lira (LM3,000). Il-Qorti tillibera lill-imputat Raymond Flattley mit-tielet imputazzjoni illi ma tirrizultax fil-konfront tieghu. Fir-rigward tal-imputata Rose Flattley il-Qorti wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Settembru, 2001, kif ukoll l-Artikolu 42 tal-Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputata Rose Flattley misjuba hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef lira (LM3,000). Il-Qorti tillibera lill-imputata Rose Flattley mit-tielet imputazzjoni illi ma tirrizultax fil-konfront taghha.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur
Vera kopja,

Deputat Registratur